Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 667/1997/1

**Francis Scicluna**

**vs**

**Dominic Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Marzu, 1997 l-attur ippremetta illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ tlett elef u tlett mija liri maltin (LM3,300) rappresentanti self maghmul mill-konvenut skond skrittura privata datata s-6 ta’ Gunju 1995, liema ammont kellu jithallas lura f’pagamenti mensili ta’ mija u hamsin lira Maltin (LM150) b’imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc b’effett mill-1 ta’ Gunju 1995 (Dok B); illi a terminu ta’ l-artikolu 2 ta’ l-iskrittura f’kaz li l-konvenut “ikun moruz f’zewg pagamenti jew l-ekwivalent allura jitlef il-beneficcju tal-pagamenti mensili w l-bilanc fuq l-ammont shih ikun dovut f’daqqa”; illi mid-data tal-iskrittura sallum il-konvenut baqa’ ma jhallas ebda pagament kif kellu jaghmel skond l-istess skrittura; illi ghalhekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tal-hlas mensili w l-ammont shih ta’ tlett elef u tlett mija liri maltin (LM3,300) huma dovuti lill-attur bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-iskrittura; illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur cert, likwidu u dovut fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ tlett elef seba’ mija w sebgha w sebghin liri maltin w erbgha u tmenin centezimu (LM3,777.84) li jinkludu l-interessi bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%); ghalhekk talab li dik il-Qorti, dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) w in vista tal-affidavit tal-attur (Dok A):-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM3,777.84 rappresentanti l-ammont misluf mill-attur lill-konvenut flimkien ma’ l-imghax rispettivament dovuti fuq l-imsemmi self.

Bl-ispejjez u l-imghax u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

B’nota tat-2 ta’ April, 1997, debitament awtorizzata mill-Qorti, l-konvenut eccepixxa:-

1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ integrita` ta’ gudizzju in kwantu l-azzjoni giet diretta kontra l-eccipjent u mhux ukoll kontra l-konjugi martu u dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 1322(2) u 1322(3)(F) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-meritu l-ammont mitlub gie fil-parti l-kbira tieghu sodisfatt u mhallas u di piu` l-istess ammont huwa effett [recte: affett] minn usura pesinti li fi kwalunkwe kaz din trid tigi mnaqqsa u dan kif talvolta jiddisponi l-artikolu 1852(1)(2) u (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 1997.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-30 ta' Gunju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili prevja c-cahda tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, laqat t-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"*Mill-provi prodotti jirrizulta li l-pagamenti li l-konvenut ghamel saru bejn 7 ta' April, 1992 (data ta' l-ewwel skrittura) u 6 ta' Gunju 1995, data tat-tieni skrittura. Wara Gunju, 1995 ma saru ebda pagamenti mill-konvenut. Fil-prospett Dok DC1 fol-53 il-konvenut qal li hallas LM6,650. Pero` fit-tieni skrittura li saret wara li suppost thallsu dawn il-LM6,650 il-konvenut accetta li huwa ghandu jaghti s-somma ta' LM3,300 bhala bilanc fuq l-ewwel skrittura li kienet ghall-ammont ta' LM6,500 (interessi nkluzi).*

*Ir-raguni li ta l-konvenut ghal dan kienet li hu kien ikkostitwixxa ruhu debitur tal-attur fl-ammont ta' LM3,300 ghax kien qed jigi mhedded mill-attur u jitolbu LM5,000. Ghalhekk hu ried jaqta' l-kwistjoni u nizzel li kellu jaghtih LM3,300. Izda fil-fatt hu ma kellu jaghtih xejn.*

*L-artikoli rilevanti ghall-kaz in ezami huma:-*
*L-artikolu 974: "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew eghmil doluz, ma jkunx jiswa."*
*L-artikolu 978: "[1] Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragionevoli w iggieghla tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.*
*[2] F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna."*

*Dawn l-artikoli gew hekk interpretati mill-gurisprudenza:-*

*"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut l-kunsens, u mhux biex jigi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottieni dak il-kunsens" [Edgar G. Soler nomine vs H.H. Sir David Campbell nomine – Vol.XXXIII, P.II, pp.431]*

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ngusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragionevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi .... il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant." [Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo – Vol. XXIX, P.II, pp.749].*

*Fil-kaz in ezami fl-14 ta' Frar, 1995 il-konvenut kien kiteb lill-attur permezz tal-Avukat Abela (fol. 61) fejn wara li kien infurmah li kien diga hallas LM4,100 u x'aktarx xi pagamenti ohrajn, fl-ahhar intimah biex ma javvicinahx u ma jimmolestahx.*

*Il-konvenut xehed li wara dina l-ittra beda jagixxi b'mod differenti mieghu (fol. 48). Fil-fatt wara dina l-ittra hu dahhal lill-attur mieghu bhala sensar fil-bejgh tal-inkwilinat u ma kienx qed jigi mhedded (fol. 50). Hu ma qalx lil Dr. Abela biex ma jistfrattax in-negozju. Dak iz-zmien ma baqax jibza' mit-theddid ta' l-attur. Kien f'dan iz-zmien li mar ghand Dr. Demarco u iffirma l-iskrittura ta' Gunju, 1995 fejn accetta li kellu jaghti lill-attur LM3,300.*

*Fil-kaz in ezami ghalhekk ma hemm ebda prova – lanqas fix-xhieda tal-konvenut stess – li b'xi mod wiehed jista' jidezumi li setghet giet ezercitata xi pressjoni morali fuq il-konvenut li biha l-volonta` tieghu giet vizzjata u b'xi mod gie kostrett jikkostitwixxi ruhu debitur favur l-attur meta hu suppost li kien hallas kollox.*

*Il-konvenut inkluda fid-dokumenti ezibiti minnu, ricevuti ta' pagamenti li hu ghamel u li jippretendi li ghandhom*

*jitnaqqsu mill-ammont mitlub. L-attur spjega li hu kien ghamel self iehor lill-konvenut barra dan mertu tal-kawza u li l-konvenut kien hallas lura. Din kienet ir-raguni ghaliex hu ma nizzilx dawn l-ammonti fl-iskritturi. Inoltre kien hemm okkazzjonijiet meta huwa kien isarraf cheques lill-konvenut, u ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li dawn jitnaqqsu wkoll. Fil-fatt il-konvneut ipprezenta kopja ta' zewg cheques (ara fol. 64) fejn suppost saru zewg pagamenti ta' LM82 u ta' LM100 lill-attur fil-1997, f'April u Mejju. Giet prezentata dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 42 fejn semma li fil-1997 hu kien issellef LM250 minghand l-attur u li kien hallas permezz ta' dawn iz-zewg cheques. Dan il-hlas ma kellu x'jaqsam xejn ma ebda hlas iehor. Konferma din tal-versjoni ta' l-attur.*

*Skond il-gurisprudenza f'kwistjoni ta' pagament gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati li min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u fid-dubju ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (ara sentenza Vol XLIX p. 776).*

*Dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm uzura, l-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova li fil-fatt gie miftiehem imghax oghla minn dak permess mill-ligi. Fl-iskrittura jissemma imghax ta' 8%. Il-konvneut ma gab ebda prova konkreta biex juri li hu ma ssellifx l-ammont pretiz mill-attur. Fuq l-ewwel skrittura l-attur kien ta' lill-konvenut LM5,000 cheque minn flus li kien silfu Carmelo Muscat, u LM1,300 cash minn tieghu. Kien miftiehem LM200 imghax ghal erba' xhur."*

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Lulju 2000 interpona appella minnha fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza suddetta u dana billi tichad it-talbiet attrici u takkolji l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut appellant.

B'risposta pprezentata fis-7 ta' Jannar, 2003 l-attur appellat talab li l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza ta' l-Ewwel istanza kkonfermata bl-ispejjez

kontra l-appellanti u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta u billi s-sentenza hija gusta kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

**L-aggravji ta' l-appellant.**

L-appellant ressaq tlett aggravji ghas-sentenza appellata. Fl-ewwel tnejn qed jigi sottomess li bazikament l-ewwel qorti ghamlet valutazzjoni hazina tal-provi prodotti u anke fir-rigward tal-aspetti legali li jikkoncernaw il-kwistjoni presenti; infatti in sostanza jinghad li:-

a) fir-rigward tal-pagamenti maghmula jinghad l-ewwel qorti mhux biss ghamlet valutazzjoni hazina tal-provi izda li ma gewx applikati l-artikoli relevanti, li, fi kliem ir-rikors "*mehuda kumulattivament dawn l-artikoli* (cioe` l-Artikoli 1146 sa 1178 tal-Kap 16) *u applikati ghall-kaz de quo ma hemmx dubju illi tali pagamenti hekk kif indikati fil-prospett a fol 53 huma imputabbli fil-konfront tas-self tas-7 ta' April 1992;"*

b) l-ewwel qorti kienet ukoll skorretta fil-valutazzjoni li ghamlet tal-provi dwar il-pressjoni morali ezercitata fuq l-appellant li waslet ghall-iffirmar tat-tieni skrittura;

c) galadarba <u>fuq l-ewwel skrittura</u> ma gietx indikata rata ta' imghax ghandu japplika dak li jipprovdi l-Artikolu 1854 tal-Kap 16 u cioe` li "*l-imghax jitqies bil-hamsa fil-mija fis-sena"* li, naturalment, jirriduci d-debitu tal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat, u dana fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat mill-konvenut appellant, li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ma jissemma xejn dwar xi theddid jew pressjoni morali li setghet giet ezercitata mill-attur sabiex l-istess konvenut jiffirma l-iskrittura tas-6 ta' Gunju, 1995. Din il-kwistjoni tqajmet biss waqt il-gbir tal-provi quddiem l-ewwel qorti, li fis-sentenza taghha, skorrettement, ezaminat ukoll dan l-aspett tal-vertenza.

Meta tigi ezercitata pressjoni morali ossia theddid biex jigi ottenut il-kunsens ta' dak li jkun, dan jwassal ghall-invalidita` ta' dik l-obbligazzjoni nkwantu l-kunsens,

rekwizit essenzjali ghal validita` tal-kuntratti, jkun nieqes ossia vizjat. Infatti, kif sewwa osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza moghtija fil-15 ta' Dicembru, 1952, (Vol. XXXVI.P.II p. 585) "*Kunsens mehud bi violenza ma jiswiex.*" Dik il-Qorti izda kompliet hekk fir-rigward "*Dan pero` ma jfissirx li l-obbligazzjoni hija nulla, imma biss li hija invalida. Hija gurisprudenza kostanti li meta l-kwistjoni hija ta' nullita`, il-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni; imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita`, ma tistax tingieb 'il-quddiem hlief b'azzjoni ad hoc.*" Fil-kaz in ezami, kif gie rilevat hawn fuq, lanqas biss ma nghatat eccezzjoni, li stante n-natura taghha, ma kienitx tkun ammissibbli, u ghalhekk l-ewwel qorti ma kienitx obbligata li tikkunsidra dan l-aspett tal-kawza.

Issa, kif sewwa osserva l-konvenut appellant fir-rikors tal-appell "*fit-tieni skrittura ma hemm ebda indikazzjoni li fil-fatt it-tieni skirttura kienet qeda ssir biex tigbor go fiha il-bilanc rimanenti mill-ewwel self skond l-ewwel skrittura.*" Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb li jwassal ghall-konkluzzjoni li, fl-ewwel lok, l-aggravju tal-appellant dwar ir-rata ta' imghax applikabbli ghas-self maghmul fl-ewwel skrittura mhux gustifikat billi ma hemm ebda ness bejn xi bilanc dovut fuq l-ewwel skrittura u l-ammont dikjarat dovut fit-tieni skrittura. U, fit-tieni lok, stante li l-validita` tal-iskrittura ma tistax tigi attakkata f'dawn il-proceduri u laqas jidher li giet attakkata fi proceduri ad hoc, jispetta biss lill-konvenut li jipprova l-pagament.

Mid-dokumenti ezebiti mill-konvenut u senjatament dawk a fol. 54 sa fol. 60, jirrizulta li kwalunkwe pagament li seta' sar mill-konvenut kien sar qabel ma giet iffirmata l-obbligazzjoni tas-6 ta' Gunju, 1995 billi c-*cheques* jew *bills payable*, u sahansitra l-irceveuti ffirmati mill-attur, igibu data antecedenti ghad-data tal-istess skrittura. Ghal din ir-raguni biss dawn il-pagamenti ma jistghu qatt jingiebu bhala prova ta' pagament tal-obbligazzjoni iffirmata fis-6 ta' Gunju, 1995.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravji mressqa mill-konvenut appellant mhux gustifikati u ghalhekk qed jigu michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------